MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Numru. 815/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Martin Debrincat bin Joseph u Christina nee` Cauchi, imwieled fil-5 ta' Ottubru, 1947 u residenti fil-fond Zgugina,**
**Triq il-Vizitazzjoni, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 94847(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Martin Debrincat li gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Ottubru, 2010 ghal habta ta' 09:45hrs fi Sqaq il-Knisja, Gharb, Ghawdex;

1. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

2. talli verbalment ingurja lil Angelo Cauchi mill-Gharb, Ghawdex;
3. talli fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti;
4. u talli fl-istess data, hin u post bi hsara tas-sid jew detentur Angelo Cauchi ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tieghu billi dahallu fl-ghalqa u dan bi ksur tal-Artikolu 340(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2011, fejn il-kwerelant Angelo Cauchi rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(e), 338(bb), 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------